# Il-Ħadd 11.11.2018

1. Il-Ħamis 15/11:-
   - Mis-7:15pm sad-9:00pm ser ikollna l-Assemblea Parrokkjali, iġifieri laqgħa dwar il-Parroċċa tagħna u l-ħidma li nagħmlu. Din issir hawn fil-Knisja stess. ***Ejjew sabiex tagħtu l-kontribut tagħkom.***

2. Il-Ħadd 18/11:-
   - Il-ġabra tal-quddies tmur għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.
   - Fl-10:30am - Il-quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fit-3:30pm - Rużarju madwar il-Kosta ta' Malta. Min jixtieq jieħu sehem f'din l-inizzjattiva ta' talb għandu jmur *Blue Grotto viewpoint* u miegħu jieħu radju jew *smart phone* biex jidħol fuq Radju Marija (102.3FM) biex jingħaqad mal-Arċisqof Emeritu Mons. Pawl Cremona o.p. fit-talba tar-Rużarju għall-bżonnijiet tal-Familji, tal-Knisja, u ta' Pajjiżna.

3. Il-Ħamis 22/11:-
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers aktar 'il quddiem matul din il-ġimgħa.

4. Avviżi oħra:-
   - Infakkar li b'rabta maċ-ċimiterju, qed tinġabar il-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta mal-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, u mal-konsum tal-ilma u l-elettriku, taċ-Ċimiterju. Waqt li nirringrazzja lil min diġa ħallas, napprezza jekk min għadu ma għamilx dan, jiġi l-Uffiċċju Parrokkjali biex jagħmel dan mill-aktar fis. Napprezza wkoll il-ġenerożità tagħkom jekk toffru donazzjoni biex inkomplu ntaffu l-ispejjeż tal-manutenzjoni taċ-ċimiterju.
   - Il-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2019. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Jekk hawn xi żgħażagħ li għadhom kif ggradwaw mill-Università, mill-MCAST, mill-ITS, jew minn xi entita' edukattiva oħra, mitluba javviċinaw lill-Kappillan minħabba li qed tiġi maħsuba attività għalihom.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 325 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutenzjoni tal-knisja;
   - € 20 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi.